MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 11/2010

**Clotida Bugeja (ID 152226M) u, b'digriet tas-17 ta' Ottubru 2013 l-atti gew trasfuzi f'isem Jane Dimech (ID 720948M), Jessie Cassar (ID 272950M), Carmen Borg (ID 264652M), Victor Bugeja (662157M) u Emmanuel Borg (ID 207462M) stante l-mewt ta' l-istess Clotida Bugeja waqt il-mori tal-kawza.**

**vs**

**Saviour Camilleri**
**(ID 186657M)**

Il-Bord,

Ra ir-rikors ippresentat fis 26 ta' Settembru 2010 fejn ir-rikorrenti Clotilda Bugeja ippremettiet illi hija sid il-kera ta' ghalqa ta' Xandriku fiz-Zurrieq li qed tinkera lill-

intimat. Sahqet illi l-intimat ma kienx qieghed juza dina r-raba ghal skopijijet agrikoli u in oltre l-ghalqa tinsab fi stat ta' abbandun totali, tant illi l-abbandun li fih tinstab l-ghalqa u l-hsarat kontinwi li kull ma jmur qed ikompli jizviluppaw ma jippermettu l-ebda forma t'attivita' u ghalhekk a tenur ta' l-artikolu 4 (2) (d) u 4 (2) (f) tal-Kap 199 ghandha dritt titlob ir-ripreza taghha.

Ir-rikorrenti sahqet illi minkejja diversi interpellazzjonijet da' arte taghha sabiex isiru ix-xoghlijiet rimedjali biex l-ghalqa tkun tista tinhadem, dana ma ghamel xejn, u ghalhekk talbet lill-Bord sabiex jordna lill-intimat jirritorna l-pussess tal-propjeta u ghalhekk tordna l-izgumbrament ta' l-intimat mill-istess propjeta.

Ra ir-risposta ta' Saviour Camilleri illi fiha, filwaqt li cahad kategorikament it-talbiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, sahaq illi. a kuntrarju ta' dak illi qed jigi allegat, huwa jahdem l-ghalqa regolarment u l-ghalqa tieghu hija wahda mill-ghelieqi l-aktar nodfa u sbieh illi hemm fl-inhawi. L-intimat sahaq ukoll illi r-ritratti esebiti mir-rikorrenti intizi unikament biex iqarrqu bill-Bord u sahaq illi ir-rikorrenti kienet dejjem kontra li jsiru benefikati jew miljoramenti fil-parti x-xaghri ta' l-ghalqa.

Ra illi fit 3 ta' Novembru 2010 il-Bord appunta lill-Perit Joseph Jaccarini u is-Sur Anthony Mifsud sabiex jassistuh.

Ra l-affidavit ta' **Clotilda Bugeja** ippresentat fil 5 ta' Mejju 2011.

Ra ir-relazzjoni tal-Periti imqabbda mill-Bord ippresentat fit 18 ta' Mejju 2011.

Ra ix-xhieda ta' **Victor Bugeja** u ta' **Jane Dimech** moghtija fit 18 ta' Mejju 2011.

Ra illi fit 18 ta' Mejju 2011 ir-rikorrenti iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Sema il-kontro ezami ta' Victor Bugeja illi sar fit 12 ta' Ottubru 2011.

Sema il-kontro ezami ta' Jane Dimech illi sar fl-20 ta' Jannar 2012.

Ra l-affidavit ta’ **Saviour Camilleri** ippresentat fl-20 ta’ Jannar 2012.

Ra l-affidavits ta’ **Antonia Camilleri** u **Luke Camilleri** ippresentati fil 21 ta’ Marzu 2012.

Sema ix-xhieda in kontro ezami ta’ Saviour Camilleri illi sar fl-24 ta’ Ottubru 2012.

Ra id-dokumentazzjoni ippresentata mill-istess Saviour Camilleri waqt ix-xhieda tal-24 ta’ Ottubru 2012.

Rat ir-rikors ta’ Jane Dimech u Victor Bugeja ghall-legitimazzjoni ta’ l-atti ta’ ommhom Clotilda Bugeja, ghan-nom taghhom u ta’ huthom Jessie Cassar, Carmen Borg u Emanuel Borg ippresentat fis 16 ta’ Ottubru 2013.

Sema ix-xhieda ta’ **Alvin Muscat**, moghtija fit 23 ta’ April 2014.

Ra illi fid 9 ta’ Lulju 2014 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi.

Ra in-nota ta’ sottomissjonijet tar-rikorrenti ippresentata fit 28 ta’ Awissu 2014.

Ra in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-intimat ippresentat fit 23 ta’ Settembru 2014.

**Ikkunsidra**

L-ewwel u qabel kollox il-Bord ma jistax ma josservax illi tul il-proceduri kollha, salv ghal serje ta’ varji ritratti ta’ l-art in kwisjoni, minn diversi lokazzjonijiet skond il-htiega tal-prova, ir-rikorrenti qatt ma ippresentaw xi pjanta jew ‘site plan’  li tindika attwalment fejn tali art illi huma qed jitolbu r-ripreza taghha hija, u dana qieghed jinghax partikolarment in vista ta’ dokumentazzjoni u pjanti esepiti minn Saviour Camilleri u kkorroborati mix-xhieda ta’ Victor Bugeja.

Madanakollu, il-Bord huwa kostrett illi jasal ghall-konkluzjonijiet unikament fuq id-dokumentazzjoni mressqa quddiemu u ghalhekk ser jaghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

Jirrizulta illi l-access ghall-ghalqa hija minn sqaq dejjaq hafna li jista jintuza unikament bir-rigel u li ma jippermettix illi jghaddu minn go fiha ingenji necessarji ghall-agrikoltura;

Jirrizulta illi, bhala rizultat ta' tali access limitat, l-intimat kien qieghed jaghmel uzu minn bicca art adjacenti propjeta' ta' terzi u li tinstab bejn l-art minnu mahduma u mit-triq, liema uzu kienet fuq bazi ta' tolleranza.

Jirrizulta illi meta l-Periti mqabbda mill-Bord accedew fuq il-post, huma ghaddew minn "sqaq twil u dejjaq li jidher li ma tant ghadu jintuza u certament li ma jintuzax minn vetturi".

Jirrizulta illi meta accedew fuq il-post, il-Perit wasslu ghas-segwenti konkluzjonijiet:

"Il-parti tal-lokazzjoni li tinhadem, tal-kejl superficjali ta' circa tomna, kien hemm patata u ful u skond l-intimat parti zghira ohra kienet inzerghet pizelli li kien ghadu ma nibitx. Fl-istess ghalqa kien hemm tina u erbgha sigar tal-Eucalyptus u ftit bajtar tax-xewk f'rokna tal-ghalqa.

Ir-rimanenti tal-lokazzjoni hija kollha xaghri fejn kien hemm erbgha sigar tat-tin u zewgt sigar tal-lewz morr u xi ftit dwieli li ilhom ma jinzabru. Kien hemm ukoll f'din il-parti mansab tal-ghasfar b'zewgt dwejjer faccata ta' xulxin."

Jirrizulta minn dokumentazzjoni ippresentata mill-intimat flimkien ma' l-affidavit tieghu, illi l-art meritu tal-kawza odjerna hija bicca art dejqa, li minnha ftit anqas minn terz huwa art agrikola u utilizabbli ghal dan il-ghan filwaqt illi l-kumplament taghha hija art xaghri, liema art hija biswit il-bahar u l-parti li tinhadem hija dik l-aktar 'l boghod mill-bahar.

Jirrizulta wkoll minn tali dokumentazzjoni illi l-parti li tinhadem hija accessibbli minn trejqa dejqa li tigi minn aktar ‘l fuq mill-ghalqa filwaqt illi bejn il-parti ta’ isfel ta’ l-ghalqa, illi hija xaghri, u t-triq ta’ isfel, hemm propjeta ta’ terzi, ossija ta’ certa Alvin Muscat.

**Ikkunsidra**

Ir-rikorrenti, fl-avviz taghhom, qieghdin jibbazzaw it-talba ghar-ripreza taghhom fuq zewgt binarji, ossija dik illi l-ghalqa ma thaddimtx ghal periodu ta’ tnax-il xahar, kif ikkontemplat fl-Artikolu 4 (2) (d) u illi ghal periodu ta’ sentejn naqas li jzomm il-hitan fi stat tajjeb jew ittraskura l-ghalqa b’mod illi halla li tigrilha l-hsara, kif ikkontemplat fl-Artikolu 4 (2) (f).

Il-Bord huwa ghalhekk obbligat illi jevalwa il-kaz taht l-ottika ta’ dawna iz-zewgt talbiet kif indikati.

Dwar l-ewwel bazi ta’ ripreza, il-Bord jaghmel referenza partikolarment ghar-ritratti esebiti mir-rikorrenti fit 3 ta’ Novembru 2010 li gew mehudba minn Victor Bugeja u Jane Dimech, li jidher huma l-persuni li qed jixprunaw l-azzjoni odjerna, fit-28 ta’ Ottubru 2010, ossija xahar wara li nbdew il-proceduri odjerni.

Tali ritratti juru bl-aktar mod car illi dik il-parti ta’ l-art illi tista tinhadem kienet tidher ben ikkurata u li kienet qed tinutza. Certament ma hemm ebda indikazzjoni ta’ hxejjex li jaghtu il-bord x’tifhem li tali art ma kienetx qieghda tintuza. Apparti minn hekk, hames mis-seba ritratti esebiti mill-istess rikorrenti juru dik il-parti ta’ l-ghalqa illi hija xaghri u li, ghalhekk, ma jista jsir ebda agrikultura fiha - certament, tali ritratti juru carament illi l-art hija unikament blat u ghalhekk ma tista bl-ebda mod tintuza ghal skop agrikolu.

Ghalhekk, abbazi ta’ dawna ir-ritratti, huwa car illi l-bazi imressqa mir-rikorrenti tar-ripreza ta’ lart abbazi tal-fatt illi l-art ma thaddmietx ma tirrizultax ippruvata.

Dwar it-tieni bazi ta’ ripreza, il-Bord qieghed jifhem illi l-ilment principali tar-rikorrenti huwa illi ma ghadx hemm access ghall-ghalqa mill-isqaq dejjaq izda hemm access ghalih minn propjeta’ ta’ terzi, liema propjeta’ hija biswit it-triq u aktar accceibbli facilment bl-ingenji.

Il-Bord jinnota illi, kif del resto innutat mill-Periti tal-Bord stess, access mill-isqaq kien ghad hemm u di fatti, wara illi l-intimat nehha ftit gebel fil-hajt li kien tella, huma accedew ghall-ghalqa minn tali access. Tali fatt hija indikazzjoni cara illi, ghalkemm kien minnu li kien hemm hajt li jiddividi l-passagg id-dejjaq mill-ghalqa, access ghal tali ghalqa kien ghadu hemm peress illi, kif del resto insista l-intimat stess, tali fetha kienet inghalqet peress illi precendentement kien jinghalaq b’tank tal-hadid u, apparti minn hekk, huwa kien qieghed jaccedi minn naha ta’ isfel ta’ isfel ta’ l-ghalqa minn fuq propjeta’ ta’ terzi bil-permess taghhom.

Il-Bord, imbghad, ma jistax ma jinnutax illi kienet l-istess Clotilda Bugeja, fix-xhieda taghha, li kkonfermat illi “l-ghalqa kienet imdawwra b’hitan tas-sejjiegh minn kull naha” u qatt ma sar xi indikazzjoni da parte taghha li kien hemm access u kien inghalaq. HUma biss Victor Bugeja u Jane Dimech illi jaghmlu referenza ghaliha.

Il-Bord jinnota illi, abbazi tal-provi imressqa quddiemu u l-kostatazzjonijiet tal-Periti minnu imqabbda, ma jirrizulta ippruvat illi saru xi hsarat lill-hitan tas-sejjieh jew li naqas minn xi obbligu tieghu li biha kkaguna hsara lill-ghalqa, u ghalhekk ir-ripreza ta’ l-art fuq dina l-bazi ma gietx ippruvata lanqas.

**Konkluzjoni**

Il-Bord,

Wara illi ra il-provi kollha mressqa quddiemu,

Wara illi ra ir-rapport al-periti Joseph JAccarini u Anthony Mifsud ippresentati fit 18 ta’ Mejju 2010,

Jghaddi beix jaqta u jiddeciedi l-kaz billi jilqa l-eccezzjonijiet kollha ta’ l-intimat u jichad it-talbiet attrici kollha

Spejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu kollha a kariku tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------